MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2009

Numru 716/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**
**vs**

**DAVID BONNICI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom David Bonnici ID 83777(M) iben Walter Bonnici u Theresa nee’ De Giorgio mwieled San Giljan fl-04/01/1977 u residenti gewwa No. 27, Triq Campis, Zebbug.

Billi gie akkuzat talli nhar it-12 ta' Lulju, 2008, ghall-habta ta' bejn is-02.15am, gewwa Triq Campis, Zebbug, volontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Nicola Bonnici,

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi kliem insolenti u heddedt lil Walter Bonnici u lil Nicola Bonnici,

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-mistrieh tan-nies bi glied u storbju,

U aktar talli fl-istess data, hin, u gewwa No. 27, Triq Campis, Zebbug heddedt lil Walter Bonnici b'arma li taqta u bil-ponta,

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm, garr jew kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta, jniggez u bil-ponta, minghajr il-licenzja tal-kummissarju tal-Pulizija,

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna lil Walter Bonnici, lil Theresa Bonnici u lil Nicola Bonnici jibzghu li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom.

U aktar talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 29 ta' Lulju, 2005, liema sentenza hi definittiva u ma tistax tinbidel.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok SZP1 u nnutat li l-imputat David Bonnici m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Nicola Bonnici, inter alia, iddikjarat ghal kull buon fini li tahfer lill-imputat dwar l-akkadut u qeghda tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat kull fejn hu rinunzjabbli.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Walter Bonnici, inter alia, iddikjara ghal kull buon fini li jahfer lill-imputat dwar l-akkadut u qieghed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat kull fejn hu rinunzjabbli.

Inoltre innutat li l-imputat fl-ezami tieghu li sar fis-Seduta tallum wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ewwel akkuza u t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ewwel akkuza u t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 338(dd), 338(m), 339(1)(b) u 251B tal-Kap. 9 u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat David Bonnici, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ewwel akkuza u t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li l-parte civile Nicola Bonnici fil-Verbal tas-Seduta tallum, inter alia, iddikjarat ghal kull buon fini li tahfer lill-imputat dwar l-akkadut u qeghda tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat kull fejn hu rinunzjabbli u li l-istess ghamel, inter alia, il-parte civile Walter Bonnici fil-Verbal tas-Seduta tallum, tikkundanna lill-imsemmi imputat David Bonnici ghall-piena komplessiva ta’ hames t’elef, mija u erba u ghoxrin

Euro u tnejn u sittin centezmi ta' Euro (Euro 5124.62) multa.

Rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat David Bonnici tiddikjara procediment esawrit stante rinunzja.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat David Bonnici tiddikjara procediment esawrit stante rinunzji.

Finalment, il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat David Bonnici b'obbligazjoni personali ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmi ta' Euro (Euro 232.94) li jzomm il-kwiet ma' Nicola Bonnici u Walter Bonnici u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------